MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Numru. 177/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**

**VS**

**KENNETH ZAMMIT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita` numru Maltija 277481M.

**Akkuzat talli:**

Fi Frar, 2014, u fix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifika xi biljetti tal-flus, jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta` valur ta` zero ewro (€0), meta kien jaf li huma falsifikati;

2. U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta` valur ta` zero ewro (€0), meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;
3. U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta` aktar minn mitejn, tnejn u tletin ewro u disgha u ghoxrin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tlietmija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta` Pradeep Kumar u ta` Francis Bonnici.

U b'hekk, Kenneth zammit, sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta` htija, barra li tinfliggi l-piena stabbilita` mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta` oggetti kollha esibiti.

Biss, il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll, sabiex, jekk filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta` Malta, u ghandha, jekk u skont ma jista` jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50 (4) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fiet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta` spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat kif ukoll iz-zmien li nghata ghar-ripensament;

Wara li ezaminat id-dokumenti esibiti u wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u rat il-provi prodotta;

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammissjoni bikrija, u wara li rat l-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446, kif ukoll wara li tikkummenta li:

1. L-imputat ikko-opera totalment mal-awtoritajiet investigattivi;
2. Illi r-rifurtiva, jew sia dak li nxtara bil-flus foloz, gew illum irritornati lill-sidhom;

temmen illi piena karcerarja effettiva m'ghandiex tinghata. Ghaldaqstant, dina l-Qorti qiedgha tordna li a tenur tal-istess artikolu 7 (2) tal-Kapitolu

446, l-imputat jitqieghed taht *probation order* ghall-perjodu ta` tliet (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------